EUROPEAN MEDICINES AGENCY
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/53590/2024
EMEA/H/C/005451

# Prevenar 20[1] (*vaċċin konjugat tal-polysaccharide pnewmokokkali, 20-valent, adsorbit*)

Ħarsa ġenerali lejn Prevenar 20 u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

## X'inhu Prevenar 20 u għal xiex jintuża?

Prevenar 20 huwa vaċċin li jipproteġi lill-adulti u lit-tfal mill-età ta' 6 ġimgħat kontra l-pulmonite (infezzjoni tal-pulmun) u mard invażiv (mard li jseħħ meta batterju jinfirex mill-ġisem) ikkawżat mill-batterju *Streptococcus pneumoniae* (*S. pneumoniae*).

Jintuża wkoll fi tfal minn 6 ġimgħat sa 17-il sena biex jipproteġi kontra otite medja akuta (infezzjoni tal-widnejn).

Prevenar 20 fih partijiet minn 20 tip differenti ta' *S. pneumoniae*.

## Kif jintuża Prevenar 20?

Prevenar 20 jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib. Prevenar 20 jingħata bħala injezzjoni fil-muskolu tal-koxxa fit-tfal żgħar u fil-parti ta' fuq tad-driegħ fi tfal akbar u fl-adulti.

Fl-adulti, jingħata bħala injezzjoni waħda. Fit-tfal u fl-adolexxenti, in-numru ta' injezzjonijiet jiddependi mill-età tagħhom u mill-istatus ta' tilqim preċedenti.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Prevenar 20, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lill-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek.

## Kif jaħdem Prevenar 20?

Il-vaċċini jaħdmu billi "jgħallmu" lis-sistema immunitarja (id-difiżi naturali tal-ġisem) kif tiddefendi ruħha kontra l-mard. Prevenar 20 iħejji l-ġisem biex jiddefendi lilu nnifsu kontra l-mard invażiv u l-pulmonite kkawżata minn *S. pneumoniae*.

Prevenar 20 fih ammonti żgħar ta' polysaccharides (tip ta' zokkor) estratti mill-"kapsula" li tiċċirkonda l-batterju *S. pneumoniae*. Dawn il-polysaccharides ġew purifikati, imbagħad konjugati (imwaħħla) ma' proteina trasportatriċi li tgħin lis-sistema immunitarja tagħrafhom u tirrispondi b'mod imtejjeb. Il-vaċċin jiġi wkoll adsorbit (imwaħħal) fuq aġġuvant tal-aluminju (sustanza li tgħin biex jissaħħaħ ir-

[1] Preċedentement magħruf bħala Apexxnar



© European Medicines Agency, 2024. Reproduction is authorised provided the source is acknowledged.

rispons immuni għall-vaċċin). Prevenar 20 fih il-polysaccharides minn 20 tip differenti ta' *S. pneumoniae* li jistgħu jikkawżaw mard invażiv u pulmonite.

Meta persuna tingħata Prevenar 20, is-sistema immunitarja tirrikonoxxi l-polysaccharides fil-vaċċin bħala "barranin" u tipproduċi antikorpi kontrihom. Is-sistema immunitarja mbagħad tkun tista' tipproduċi antikorpi aktar malajr meta tiġi f'kuntatt mal-batterji li jkollhom dawk il-polysaccharides fuq il-kapsuli tagħhom. Dan jgħin fil-protezzjoni kontra l-marda.

## X'inhuma l-benefiċċji ta' Prevenar 20 li ħarġu mill-istudji?

### Studji fuq l-adulti

F'żewġ studji ewlenin, intwera li Prevenar jiskatta risponsi immunitarji li kienu komparabbli ma' dawk skattati b'żewġ vaċċini pnewmokokkali oħrajn awtorizzati (Prevenar 13, vaċċin li jipproteġi kontra 13-il tip ta' *S. pneumoniae;* Pneumovax 23, vaċċin li jipproteġi kontra 23 tip ta' *S. pneumoniae*). Bejniethom, Prevenar 13 u Pneumovax 23 ikopru l-20 tip ta' *S. pneumoniae* (serotipi) fil-mira ta' Prevenar 20. Prevenar 20 kien ikkunsidrat bħala protettiv kontra l-marda pnewmokokkali abbażi tal-effikaċja magħrufa ta' Prevenar 13 u Pneumovax 23.

Fi studju wieħed li sar fuq madwar 3 000 persuna minn 60 sena 'l fuq, il-parteċipanti ngħataw jew Prevenar 20, jew inkella Prevenar 13 segwit minn Pneumovax 23 xahar wara. Xahar wara kull tilqima, il-livelli ta' antikorpi fiż-żewġ gruppi kienu komparabbli għas-serotipi kollha ħlief għal wieħed inklużi fi Prevenar 20. Ġie nnutat li għalkemm komparabbli, il-livelli tal-antikorpi bi Prevenar 20 kienu aktar baxxi minn bi Prevenar 13 għall-parti l-kbira tas-serotipi inklużi fiż-żewġ vaċċini.

Dan l-istudju inkluda wkoll madwar 900 persuna ta' bejn it-18-il sena u d-59 sena li ngħataw jew Prevenar 20 jew Prevenar 13. Fil-grupp ta' Prevenar 20, il-livelli tal-antikorpi kontra l-20 serotip differenti kienu komparabbli ma' dawk li dehru f'persuni li kellhom bejn 60 u 64 sena li ngħataw Prevenar 20.

It-tieni studju ttestja Prevenar 20 fi 875 parteċipant li kellhom mill-inqas 65 sena u li kollha kienu ngħataw vaċċin pnewmokokkali qabel (Prevenar 13 biss, Pneumovax 23 biss jew Prevenar 13 segwit minn Pneumovax 23). F'dan l-istudju Prevenar skatta risponsi immunitarji kontra s-serotipi kollha u fil-gruppi kollha, iżda r-risponsi immunitarji kienu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn it-tliet gruppi differenti tal-vaċċin. B'mod ġenerali, iż-żieda fl-antikorpi wara t-tilqim bi Prevenar 20 kienet akbar f'persuni li qabel kienu ngħataw biss Prevenar 13 meta mqabbla ma' dawk li kienu ngħataw Pneumovax 23 jew Prevenar 13 segwit minn Pneumovax 23.

### Studji fuq it-tfal

Żewġ studji ewlenin ħarsu lejn ir-rispons immuni (kif imkejjel mil-livell ta' antikorpi) li ġie skattat minn Prevenar 20 meta mqabbel mar-rispons attivat minn Prevenar 13 f'total ta' madwar 3,200 tifel u tifla żgħar.

Ir-riżultati wrew li Prevenar 20 ikkawża żieda fil-livelli tal-antikorpi kontra l-20 serotip kollha fil-mira tal-vaċċin; madankollu, għal xi serotipi l-livelli tal-antikorpi osservati kienu aktar baxxi bi Prevenar 20 milli bi Prevenar 13.

Meta Prevenar 20 ingħata bħala reġim ta' 4 dożi, ir-rispons immuni kien aktar simili għal dak li deher bi Prevenar 13 milli meta ngħata bħala reġim ta' 3 dożi. Għalhekk, ir-reġim ta' 4 dożi biss ġie approvat għall-immunizzazzjoni ta' rutina fit-tfulija.

## X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Prevenar 20?

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet bi Prevenar 20, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Fl-adulti, l-effetti sekondarji l-aktar komuni bi Prevenar 20 (li jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10) jinkludu wġigħ fis-sit tal-injezzjoni (li jista' jillimita l-moviment tad-driegħ), uġigħ fil-muskoli, għeja, uġigħ ta' ras, nuqqas ta' aptit u wġigħ fil-ġogi.

Fit-tfal u fl-adolexxenti, l-effetti sekondarji komuni ħafna bi Prevenar 20 (li jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10) jinkludu tnaqqis fl-aptit, irritabbiltà, uġigħ, ħmura u nefħa fis-sit tal-injezzjoni, irritabbiltà, ħedla jew żieda fl-irqad, u rqad bla mistrieħ jew imnaqqas. Uġigħ ta' ras, uġigħ fil-muskoli u għeja huma wkoll komuni ħafna fit-tfal ta' aktar minn 5 snin u fl-adolexxenti. Id-deni huwa komuni ħafna fi tfal taħt il-5 snin.

Dawn l-effetti sekondarji kienu normalment ħfief jew moderati fl-intensità u ġew riżolti fi żmien ftit jiem wara t-tilqima.

Prevenar 20 ma għandux jintuża f'persuni li huma ipersensittivi (allerġiċi) għat-toxoid tad-difterite (tossina mdgħajfa mill-batterju li jikkawża d-difterite), għas-sustanzi attivi jew għal kwalunkwe wieħed mill-ingredjenti l-oħra.

## Għaliex Prevenar 20 ġie awtorizzat fl-UE?

Prevenar 20 instab li jiskatta rispons immuni kontra l-20 serotip kollha li hemm fil-vaċċin; għalhekk huwa mistenni li jipproteġi kontra l-marda pnewmokokkali. Madankollu, meta jitqies li għal xi serotipi, il-livelli tal-antikorpi osservati kienu aktar baxxi bi Prevenar 20 milli bil-vaċċini komparaturi, hija meħtieġa *data* dwar l-effikaċja biex il-benefiċċji ta' Prevenar 20 jiġu kkonfermati. L-effetti sekondarji ta' Prevenar 20 normalment huma ħfief jew moderati fl-intensità u simili għal dawk li dehru b'vaċċini pnewmokokkali oħrajn.

Għaldaqstant, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Prevenar 20 huma akbar mir-riskji tiegħu u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Prevenar 20?

Il-kumpanija li tqiegħed Prevenar 20 fis-suq hija meħtieġa li tipprovdi r-riżultati minn tliet studji dwar l-effikaċja fit-tul ta' Prevenar 20.

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Prevenar 20.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-*data* dwar l-użu ta' Prevenar 20 hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji suspettati rrappurtati bi Prevenar 20 huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tipproteġi lill-pazjenti.

## Informazzjoni oħra dwar Prevenar 20

Prevenar 20 irċieva awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fl-14 ta' Frar 2022.

Aktar informazzjoni dwar Prevenar 20 tinstab fis-sit web tal-Aġenzija: ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/prevenar-20.

Din il-ħarsa ġenerali ġiet aġġornata l-aħħar fi 02–2024.